



Brussell, 5 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7102/19

TRANS 160
FIN 198

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6485/19 TRANS 115 FIN 149

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 30/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE huma komprensivi, iżda l-passiġġieri għad iridu jitħabtu biex jiksuhom"

– Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Marzu 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 30/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "*Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE huma komprensivi, iżda l-passiġġieri għad iridu jitħabtu biex jiksuhom*" adottati mill-Kunsill fit-3675 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Marzu 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar
ir-Rapport Speċjali Nru 30/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri

IL-KUNSILL

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 30/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.
2. JAQBEL dwar l-importanza ta' livell xieraq ta' ħarsien għall-passiġġieri li jużaw servizzi tal-ajru, ferrovjarji, fuq l-ilma u ta' xarabanks fl-Unjoni u JQIS li l-ħarsien ta' dawn id-drittijiet huwa għan fundamentali tal-politika tat-trasport tal-Unjoni.
3. JIKKUMMENTA li r-Rapport Speċjali jivvaluta l-ħarsien tad-drittijiet tal-passiġġieri f'dawk il-mezzi ta' trasport fejn l-Unjoni adottat leġislazzjoni, jiġifieri fit-trasport bl-ajru, ferrovjarju, fuq l-ilma u b'xarabanks, filwaqt li jqis il-partikolaritajiet ta' kull mezz ta' trasport.
4. JINNOTA li r-Rapport Speċjali jqis li l-qafas regolatorju tal-Unjoni hu soluzzjoni unika fid-dinja.
5. B'rabta mal-applikazzjoni tal-qafas legali attwali, JINNOTA li r-Rapport Speċjali jirrakkomanda li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida biex tagħti ċarezza, JAGĦRAF il-benefiċċji ta' regoli ċari, iżda JFAKKAR li l-linji gwida jistgħu jagħtu biss qafas volontarju u li ma jistgħux jippreġudikaw jew jieħdu post il-leġislazzjoni tal-Unjoni.
6. JINNOTA wkoll li r-Rapport Speċjali jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex iżżid l-għarfien dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, JAQBEL li l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tkun aktar effiċjenti meta l-partijiet ikkonċernati kollha jkunu konxji mid-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom u għaldaqstant JIRRIKONOXXI l-hteġa għall-organizzazzjoni ta' aktar kampanji ta' taġrif marbutin ma' dan.

7. IFAKKAR li bħalissa qed jiġu negozjati żewġ proposti legiſlattivi, waħda dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru¹ u oħra dwar id-drittijiet tal-passiġġieri ferrovjarji².
8. JINNOTA li ċerti rakkomandazzjonijiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandhom rabta ma' għażliet ewlenin ta' politika li għandhom isiru fid-diskussjoni legiſlattiva msemmija fi ħdan il-koleġislaturi u bejniethom.
9. IQIS li l-iżvilupp ta' pożizzjonijiet dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet f'dan l-istadju jista' jipperikola l-proċess legiſlattiv billi jippreġudikah u, f'kull każ, sostanzjalment jirkebek fuq il-ħidma li għad trid issir.
10. Għaldaqstant JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħala kontribut rilevanti għad-diskussjoni legiſlattiva li għaddejja.

-
- 1 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom, 2013/0072 (COD).
 - 2 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (Riformulazzjoni), 2017/0237 (COD).